

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Novembru 2011 —
L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-458/09 P)

“Appell — Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Taljani lill-impriżi kkwotati reċentement fil-Borża — Leġiżlazzjoni li tipprovdi vantaġġi fiskali”

1. *Proċedura — Termini għall-preżentata ta' appell — Appell — Komunikazzjoni ta' kopja tal-oriġinal tar-rikors bil-format 'Word' flimkien ma' dokument bil-format 'PDF' li jinkludi l-firma tal-avukat — Komunikazzjoni ulterjuri, fit-terminu previst, tal-oriġinal — Ammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 56; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 37(6)) (ara l-punti 25, 26)*
2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Eżami mill-Kummissjoni — Ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali — Obbligu li l-miżura ta' għajnuna tiġi diskussa minn qabel mal-Istat Membru kkonċernat u li s-sitwazzjoni tiġi eżaminata fid-dawl tal-elementi mogħtija minnu (Artikolu 88(2) KE) (ara l-punti 47, 48)*
3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Selettività ta' miżura ta' vantaġġ fiskali applikabbli għall-impriżi kkwotati reċentement fil-Borża fid-dawl tat-tul qasir ta' applikazzjoni tagħha (Artikolu 87(1) KE) (ara l-punti 56, 60)*
4. *Appell — Aggravji — Aggravju indirizzat kontra raġuni superfluwa — Raġuni Raġuni ineffettiva — Kontestazzjoni tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni rigward is-selettività ta' għajnuna mill-Istat — Rikonossiment tal-mertu ta' wieħed mill-elementi ta' selettività li jirriżulta mingħajr ebda żball ta' liġi — Aggravju indirizzat kontra elementi ta' selettività oħra — Raġuni ineffettiva (ara l-punti 57, 58)*
5. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE — Għajnuna għat-tħaddim — Esklużjoni (Artikolu 87(3)(ċ) KE) (ara l-punti 63, 64)*

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) (li issa saret il-“Qorti Ġenerali”), tal-4 ta' Settembru 2009, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-211/05), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/261/KE, tas-16 ta' Marzu 2005, dwar l-iskema ta' għajjnuna C8/2004 (ex NN 164/2003) implementata mill-Italja favur kumpanniji kkwotati reċentement fil-Borża (ĠU 2006, L 94, p. 42).

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Novembru 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-379/10)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Prinċipju ġenerali ta' responsabbiltà tal-Istati Membri għal ksur tad-dritt tal-Unjoni minn waħda mill-qradi tal-aħħar istanza tagħhom — Esklużjoni ta' kull responsabbiltà tal-Istat li tirriżulta minn interpretazzjoni tar-regoli ta' dritt jew minn evalwazzjoni tal-punti ta' fatt u tal-provi mwettqa minn qorti tal-aħħar istanza — Limitazzjoni, mil-leġiżlatur nazzjonali, tar-responsabbiltà tal-Istat għall-każijiet ta' frodi jew ta' nuqqas serju mwettaq minn tali qorti”